Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 19 ta' Novembru 2025
(OR. en)

15666/25

LIMITE

CORLX 1101
CFSP/PESC 1680
CSDP/PSDC 715
PESCO 20
FIN 1405

PUBLIC

**NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

| | |
|---|---|
| minn: | Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, iffirmata mis-Sa Belén MARTINEZ CARBONELL, Segretarju Ġenerali |
| data meta waslet: | 19 ta' Novembru 2025 |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Suġġett: | Proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà lill-Kunsill tat-18/11/2025 għal Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/1639 li tistabbilixxi kondizzjonijiet ġenerali li skonthom Stati terzi jkunu jistgħu b'mod eċċezzjonali jiġu mistiedna biex jipparteċipaw fi proġetti individwali tal-PESCO |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument HR(2025) 233.

---

Mehmuż: HR(2025) 233

# HR(2025) 233
*Limited*

SERVIZZ EWROPEW GĦALL-AZZJONI ESTERNA

PUBLIC

**Proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà lill-Kunsill**

**tat-18/11/2025**

**għal Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/1639 li tistabbilixxi kondizzjonijiet ġenerali li skonthom Stati terzi jkunu jistgħu b'mod eċċezzjonali jiġu mistiedna biex jipparteċipaw fi proġetti individwali tal-PESCO**

HR(2025) 233
*Limited*

PUBLIC

**MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI**

**1. CONTEXT**

Council Decision (CFSP) 2020/1639 of 5 November 2020 established the general conditions under which third States could exceptionally be invited to participate in individual PESCO projects. Article 7(2)(a) of that Decision limits the involvement of entities in the implementation of PESCO projects after 31 December 2025 on the basis of contracts concluded or procurement procedures launched before that date.

In the context of the PESCO Strategic Review, the PCS, in its conclusions on 6 November 2025, agreed to technically amend this Council Decision in order to ensure legal continuity beyond 2025 and allow entities to remain involved in PESCO projects.

**2. OBJECTIVE**

The purpose of this proposal is to extend the reference date in Article 7(2)(a) of Council Decision (CFSP) 2020/1639 from 31 December 2025 to 31 December 2030, in order to allow entities to continue to be involved in the implementation of PESCO projects without interruption. This proposal is a purely technical update.

**3. AMENDMENTS PROPOSED TO COUNCIL DECISION 2020/1639**

Article 7(2)(a) will be amended by replacing the reference to the date "31 December 2025" with "31 December 2030".

PUBLIC

**Proposta għal**

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2025/…**

**ta' [jj/xx/2025]**

**li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2017/1639 li tistabbilixxi kondizzjonijiet ġenerali li skonthom Stati terzi jkunu jistgħu b'mod eċċezzjonali jiġu mistiedna biex jipparteċipaw fi proġetti individwali tal-PESCO**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 46(6) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/2315 li tistabbilixxi kooperazzjoni strutturata permanenti (PESCO) u li tiddetermina l-lista ta' Stati Membri parteċipanti[1], b'mod partikolari l-Artikolu 4(2)(g) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fil-5 ta' Novembru 2020, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2020/1639 li tistabbilixxi kondizzjonijiet ġenerali li skonthom Stati terzi jkunu jistgħu b'mod eċċezzjonali jiġu mistiedna biex jipparteċipaw fi proġetti individwali tal-PESCO[2].

(2) L-Artikolu 7(2)(a) ta' dik id-Deċiżjoni jipprevedi li l-entitajiet jistgħu jkunu involuti biss fl-implimentazzjoni ta' proġetti tal-PESCO wara l-31 ta' Diċembru 2025 abbażi ta' kuntratti konklużi jew proċeduri ta' akkwist imnedija qabel dik id-data.

(3) Fl-interess tal-implimentazzjoni kontinwa tal-proġetti tal-PESCO, huwa meħtieġ li dawk id-dispożizzjonijiet jiġu emendati sabiex l-entitajiet ikunu jistgħu jiġu involuti fl-implimentazzjoni tal-proġetti tal-PESCO sal-31 ta' Diċembru 2030,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Artikolu 7(2)(a) tad-Deċiżjoni (PESK) 2020/1639 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"l-entitajiet jistgħu jkunu involuti fl-implimentazzjoni ta' proġetti tal-PESCO wara l-31 ta' Diċembru 2030 abbażi ta' kuntratti konklużi jew proċeduri ta' akkwist imnedija qabel dik id-data biss."

[1] ĠU L 331, 14.12.2017, p. 57.

[2] ĠU L 371, 6.11.2020, pp. 3–9

PUBLIC

*Artikolu 2*
***Dħul fis-seħħ***

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, …

*Għall-Kunsill*
*Il-President*